**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1250/2021 AD**

**DR PETER GATT (KI 254664M)**

**VS**

**IS-SEGRETARJU PERMANENTI MATTHEW VELLA FI ĦDAN IL-MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT;**

**L-ONOREVOLI DR CLIFTON GRIMA FI ĦDAN IL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT[1];**

**EMILE VASSALLO FI ĦDAN ID-DIRETTORAT GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI (DES) U**

**MARIO CUTAJAR BĦALA SEGRETARJU PERMANENTI PRINĊIPALI FI ĦDAN L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sebgħa u għoxrin (27) t'Ottubru 2023**

[1] Il-kliem *"Dr Francis Fabri fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Onorevoli Dr Justyne Caruana fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni"* ġie sostitwit bil-kliem *"Matthew Vella fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onorevoli Dr Clifton Grima fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport"* b'digriet ta' din il-Qorti datat 22 ta' Frar 2022

**Il-Qorti**:

1. Din hija talba sabiex din il-Qorti tistħarreġ jekk id-deċiżjoni sabiex ir-rikorrent jiġi trasferit għall-Kulleġġ St Ignatius itteħditx bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(a), b(ii) u/jew (iii) u/jew (iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-ftehim milħuq bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teachers (MUT);

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat datat għoxrin (20) ta' Diċembru 2021, **Dr Peter Gatt** ippremetta:

    a. *Illi r-rikorrenti huwa lecturer f'applikazzjonijiet tal-ġeoloġija, li għandu kuntratt ta' impjieg bħala għalliem mad-Dipartiment tal- Edukazzjoni;*

    b. *Illi, fl- ewwel (1) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), ir-rikorrenti kien ġie detailed mill-Uffiċju tal-Prim' Ministru sabiex jippresta s-servizzi tiegħu ta' lecturer fl- MCAST fi ħdan id-Dipartiment Building and Construction Engineering a bażi ta' kuntratt li jiġġedded kull sena u li sussegwentament dan id-detail ġie konvertit f'wieħed indefinit;*

    c. *Illi f'dawn l-aħħar xhur svolġiet sitwazzjoni ta' nuqqas ta' qbil bejn l-esponenti u l-Management fi ħdan l-MCAST dwar il- kwalita baxxa tas-sillabi li kienu qegħhdin jiġu mposti fuqu u permezz ta' mandat ta' inibizzjoni li jġib in-numru 915/21FDP l-istess intimati ġew ordnati sabiex ma jkomplux bl-esekuzzjoni u implementazzjonijiet tad-deċiżjoni minnhom meħuda sabiex l-esponenti jiġi ttrasferit ġewwa skola oħra, kopja tad-deċiżjoni hawn annessa u mmarkata bħla **Dok PG1**;*

d. *Illi in segwitu għal tali deċiżjoni ġew intavolati proċeduri permezz ta' rikors ġuramentat numru 764/21AD kif proċeduralment rikjest u b'hekk il-mandat t'inibizzjoni fuq surreferit għadu in vigore;*

e. *Illi fit-8 t'Ottubru tas-sena 2021 l-esponenti rċieva komunikazzjoni mill-Ministeru tal- Edukazzjoni sabiex jirraporta għax-xogħol mit-Tnejn il-ħdax (11) t'Ottubru 2021 ġewwa l-istess Ministeru u dan bi ksur tal-ordni tal-Qorti, kopja tal-istess korrispondenza hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok PG2****;*

f. *Illi in segwitu ta' tali komunukazzjoni, għal darb'oħra, l-esponenti ntavola talba għal ħruġ tal- mandat ta' inibizzjoni li jġib in-numru 1515/21TA fl-ismijiet "Dr Peter Gatt vs Is-Seg Permaneti Dr Francis Fabri fi hdan il-Miniseru ta l-Edukazzjoni, L-On Dr Justyn Caruana fi hdan il-Ministeru ta l-Edukazzjoni, Emile Vassallo fi hdan id-Direttorat fi hdan is-Servizzi Edukattivi (DES) u Mario Cutajar bhala Seg Permanentui Principali fi hdan l-Ufficcju tal-Prim Ministru" fejn l-intimati kienu dikjaraw li huma bl-ebda mod ma kienu qeghdin jittrasferixxu lir-rikorrenti u dan kif jirrizulta mil-kopja tal-verbal hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok PG3*** *u ghalhekk, fid-dawl ta din id-dikjarazzjoni l-Qorti kienet waqfet hemm;*

g. *Illi nonostante din id-dikjarazzjoni tal-intimati, fejn huma kienu assiguraw lil Qorti li bl-ebda mod ma kienu qegħdin jordnaw lill-esponenti sabiex jirraporta għax-xogħol f'xi lok ieħor, din id-darba, l-istess rikorrenti mhux talli rċieva ordni fit- 23 ta' Novembru fejn għandu jirraporta għax-xogħol b'effett minn nhar il-Erbgħa, 24 ta' Novembru 2021 u ċioe f'St.Ignatius College u dan kif jirriżulta minn* ***Dok PG4,*** *iżda rċieva wkoll ordni diretta mil-intimat Emile Vassallo fi ħdan id-DES ta' x'attwalment ix-xogħol għandu jikkonsisti u ċioe f'xogħol amministrativ u dan kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok PG5****;*

h. *Illi din l- ordni hija waħda nfondata, abbużiva u llegali stante illi:*

*L- ordni tat- 23 ta' Novembru 2021 sabiex ir-rikorrenti jirraporta għax-xogħol fl-iskola ossia fil- kulleġġ ta' St Ignatius hija ksur sfaċċat tal-ordni speċifikament mogħtija mill-Onorabbli Qorti fl-atti tal-mandat bin-numru 915/21FDP fejn il- Qorti speċifikament inibiet lill-intimati milli "jkomplu bl-esekuzzjoni u mplementazzjoni tad-decizjoni minnu jew minn minnhom meħuda u jitrasferixxi lil esponenti fl-iskola ta Penbroke secondary School jew xi skola oħra.''*

*L- esponenti għandu grad ta' għalliem mal-istess Ministeru u l-grad tiegħu huwa regolat skond il-ftehim li nħoloq bejn il-Gvern ta' Malta u l-Union of Teachers, kopja tal-istess ftehim hawn anness u mmarkat bħala* ***Dok PG6****.*

i. *Illi din id-deċiżjoni meħuda mill-istess intimati ingħatat mingħajr ebda raġuni valida u b'hekk l-intimati, fil-kapaċita tagħhom bħala rappreżentanti tal- istess Ministeru, qegħdin jaġixxu ultra vires u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti meta qegħdin imorru kontra l-ordni mogħtija mill-Onorabbli Qorti n segwitu għall-Mandat bin-numru 915/21FDP, d-dikjarazzjoni minnhom magħmula quddiem il-Qorti fl-atti tal-Mandat bin-numru 1515/21TA u pendenti l-proċeduri quddiem il-Qorti bin-numru 764/21AD li proprju jindirizzaw din il-materja;*

j. *Illi n vista ta' tali azzjonijiet negattivi l-esponenti ntavola talba għal ħrug ta mandat ta' inibizzjoni ieħor bin-numru ta' referenza 1734/21JVC fejn talab il-protezzjoni tal-Onorabbli Qorti u talabha jogħġobha tordna lill-intimati sabiex jiddesistu milli "jkompli bl-esekuzzjoni u mplementazzjoni tad-deċiżjoni minnu jew min minnhom meħuda u jitrasferixxi lill-esponenti sabiex jirraporta għax-xogħol ġewwa l-Ministeru għall-Edukazzjoni, dipartiment anċillari tal-istess Ministeru jew fi kwalunkwe skola ossia Kulleġġ bħal ma hu dak ta' St. Ignatius College, Triq Mdina, Qormi.', fejn l-istess Qorti laqgħet b'mod definit it-talba tar-rikorrenti kif dedotta;*

k. *Illi dawn id-deċiżjonijiet kollha arbitrarji li ttieħdu mill-intimati jew min minnhom qegħdin jippreġudikaw il-karriera twila akkademika fil-livell terzjarju tal-esponenti u dawn l-istess deċiżjonijiet li ġew meħuda kienu mhux biss abbużivi u llegali iżda ultra vires peress li huma kienu msejsa fuq kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti ai termini tal- Artikolu 469A iżda wkoll għaliex din l-ordni għat-trasferiment tal-esponenti totalment injorat l-ordni tal- Qorti b'permezz tad-digriet finali fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 915/21FDP;*

l. *Illi hija ċara li l-intimati jew min minnhom assolutament m'użawx ir-raġonevolezza meta taw din l- ordni amministrattiva lill- esponenti. Din id-definizzjoni ta' raġonevolezza rikjesta minn awtorita pubblika li tkun qegħda teżerċita diskrezzjoni mogħtija lilha bil-liġi ingħatat minn Lord Greene fil-kaz famuż ta' Wednesbury*[2]*, fejn intqal hekk:*

*'A person entrusted with a discretion must....direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey these rules, he may truly be said... to be acting unreasonably.'*

m. *Illi konsegwenza ta' dan l-aġir illegali u abbużiv, l-esponenti qed isofri preġudizzju konsistenti fil-fatt li r-reputazzjoni akkademika tiegħu qegħda tiġi distrutta, dannu konsistenti fil-fatt li huwa qed jigi mpedut milli jżomm kuntatt ma studenti u jgħallem fi grad terzjarju u telf ta' dħul konsistenti fil-fatt li huwa ma hux jirċievi fondi neċċessarji għar-riċerka marbuta mal- grad terzjarju tiegħu fis-settur tal- Edukazzjoni;*

n. *Illi minħabba dan l-istess aġir abbużiv tal-intimati jew min minnhom l-esponenti qiegħed isofri preġudizzju tant kbir li tali preġudizzju jista' jkun ukoll irrimedjabbli u kif ukoll jiksru il-prinċipji stabbiliti taħt Artikolu 36 tal- Kostituzzjoni ta' Malta stante illi l- ksur tal- Ordnijiet tal- Qorti da*

[2] *Associated Provincial Picture Houses Ltd. v Wednesbury Corporation* [1948] 1 KB 223

*parti tal- intimati qiegħed jissoġġeta l-istess esponenti għal trattament degredanti li tali degredazzjoni ser tkompli b'konsegwenzi serji anke għal saħħtu u kif ukoll tali trasferimenti llegali li qegħdin jiġu ordnati mill-intimati lill- esponenti huma kollha intiżi sabiex l- esponenti jagħmel xogħol amministrattiv (iġifieri ta' livell anqas minn ta' lecturer jew għalliem) sabiex ikomplu jkissru r-reputazzjoni tant prestiġjuża tiegħu.*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

   i. *Tiddikjara li l-għemil amministrattiv li wassal għall-ordni sabiex l-esponenti jiġi ttrasferit għall-Kulleġġ St Ignatius sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(a), b(ii) u/jew (iii) u/jew (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-ftehim milħuq bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teachers (MUT);*

   ii. *Tordna t-tħassir ta' din l-ordni ta' trasferiment meħuda fit-23 ta' Novembru 2021 mill-Ministeru tal-Edukazzjoni u dan in vista tal-fatt li kien hemm ordni minn din l-Onroabbli Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 915/21 FDP sabiex l-esponenti ma jiġix trasferit fl-ebda kulleġ jew skola oħra sekondarja sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri pendenti 764/21 AD li proprju jindirizzaw il-materja tal-istess mandat indikat u kif ukoll talli tali ordni tmur kontra l-istess ftehim bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teachers (MUT);*

   iii. *Tillikwida arbitrio bono viri kull danni sofferti mir-rikorrent minħabba l-aġir abbużiv tal-intimati jew min minnhom;*

   iv. *Tordna l-ħlas ta' dawn id-danni lir-rikorrenti mill-intimati jew min minnhom;*

   Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, inklużi dawk tal-mandat t'inibizzjoni numru 1734/21 JVC;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Diċembru 2021, din il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti, illi ngħataw għoxrin (20) jum

biex jirrispondu u jippreżentaw nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tad-difiża tagħhom, filwaqt illi ordnat lir-rikorrent sabiex sa ġimgħatejn qabel is-seduta jippreżenta nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tiegħu in sostenn tat-talba, jekk mhux ġia preżentati. Il-kawża ġiet appuntata għall-ewwel dehra għal nhar il-Ħamis, sbatax (17) ta' Frar 2022;

5. Permezz ta' risposta ġuramentata datata tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2022, il-konvenuti **Segretarju Permanenti Matthew Vella et** eċċepew:

   a. *Illi preliminarjament, l-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u l-iSport, illum Dr. Clifton Grima, l-esponenti Emile Vassallo u s-Segretarju Permanenti Ewlieni Mario Cutajar mhumiex il-leġittimi kuntradittur ta' l-attur;*

   b. *Illi, preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess,* ***l-azzjoni odjerna hija improponibbli*** *in kwantu l-ghemil lanjat mill-attur ma jaqax fid-definizzjoni ta' ghemil amministrattiv ai termini ta' l-Artikolu 469A(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante li l-istess artikolu jeskludi mizuri intenzjonati ghall-iskop ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna gewwa awtorita`, kif effettivament gara f'dan il-kaz kemm ilu l-attur impjegat mill-gdid mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni in segwitu ghat-terminazzjoni tad-detail tieghu mall-Kullegg MCAST;*

   c. *Illi,* ***fil-mertu****, minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-eccezzjonijiet l-ohra, it-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur, u dan stante li l-eccepjenti ma ghamlu xejn li ghandu jitqies censurabbli minn Qorti adita mir-revizjoni ta' ghemil amministrattiv, kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur;*

   d. *Illi, ghal kull buon fini, ghall-iskop ta' l-ewwel talba, jigi eccepit li kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur, id-decizjoni impunjata permezz ta' dawn il-proceduri ma kenitx bi ksur ta' ordnijiet tal-Qorti, u la kienet infondata, abbuziva jew illegali, u certament ma tistax titqies*

*ultra vires. Id-decizjoni impunjata la hija bi ksur tal-Kostituzzjoni, la hija bi ksur tal-principji naturali tal-gustizzja, la tikkostitwixxi abbuz ta' poter, u lanqas hija kontra l-Ligi;*

e. *Illi ukoll ghall-iskop ta' l-ewwel talba, l-attur m'ghandux l-interess necessarju biex jitlob ksur ta' ftehim li huwa res inter alios acta bejn terzi – semmai dak l-interess jappartjeni biss lill-Malta Union of Teachers li ma hiex parti minn din il-kawza;*

f. *Illi, ghall-iskop tat-tieni talba, jigi eccepit li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt - id-decizjoni impunjata ma kenitx tikkostitwixxi trasferiment gewwa skola jew kullegg – l-attur qieghed jizvija lil dina l-Onorabbli Qorti intenzjonalment stante li jaf ben tajjeb, kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, illi huwa gie ordnat jirraporta ghax-xoghol fl-Office of the College Network, li hija sistema, imsejha wkoll bhala kulleggi [ghalkemm mhux kullegg fis-sens ta' skola, f'dan il-kaz il-College Network, St. Ignatius College], li jamministraw skejjel u kulleggi fit-tifsira ordinarja taghhom, billi jwettaq xoghol akkademiku/amministrattiv fl-ufficju tal-Head of Colleges, li certament ma hiex l-istess haga bhal skola jew istituzzjoni edukattiva. Lanqas ma jirrizulta li l-kawza pendenti Cit. 764/21 AJD fl-ismijiet* ***Dr. Peter Gatt vs Malta College for Arts, Science and Technology et*** *ma tittratta xi talba li tirrigwarda allegat ksur tal-ftehim bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teachers. Kif l-istess attur jaf ben tajjeb, l-intenzjoni tal-Ministeru dejjem kienet li tinstab soluzzjoni, imqar temporanja, li tkun xierqa għas-sitwazzjoni, pendenti l-ezitu tal-kawza ohra, biex l-attur ma jithallasx minghajr korrispettiv, izjed u izjed la kien l-attur stess li gab b'idejh sitwazzjoni ta' impossibilita` li jigi deployed go istituzzjoni edukattiva biex jghallem in segwitu ta' l-ewwel Mandat ta' Inibizzjoni intavolat minnu;*

g. *Illi l-eccepjenti m'ghandhomx jitqiesu responsabbli ghal kwalunkwe dannu pretiz mill-attur stante li r-rekwiziti ta' l-Artikolu 469A(5) m'ghandhomx jitqiesu sodisfatti, u lanqas m'ghandhom jigu*

*kkundannati jhallsu danni lill-istess attur, liema danni l-attur ghandu jgib provi taghhom sal-grad rikjest mil-Ligi;*

*h. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Bl-ispejjeż;

**Il-Qorti**

6. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrent datat għoxrin (20) ta' Diċembru 2021 u d-dokumenti annessi miegħu, cioe (a) digriet fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 FDP (**Dok PG1** a fol 7 *et seq* tal-proċess); (b) korrispondenza li rċieva r-rikorrent mill-Ministeru tal-Edukazzjoni (**Dok PG2** a fol 28 tal-proċess); (c) verbal tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni numru 1515/21 TA (**Dok PG3** a fol 29 tal-proċess); (d) korrispondenza li rċieva r-rikorrent mill-Ministeru tal-Edukazzjoni (**Dok PG4** a fol 30 tal-proċess); (e) korrispondenza li rċieva r-rikorrent mingħand Emile Vassallo (**Dok PG5** a fol 31 tal-proċess); (f) ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-Malta Union of Teachers (**Dok PG6** a fol 32 *et seq* tal-proċess);

7. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-intimati datata tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2022;

8. Rat l-affidavit ta' **Dr Peter Gatt** a fol 109 *et seq* tal-proċess, u d-dokumenti annessi miegħu u mmarkati **Dok PG7** sa **Dok PG13** a fol 114 *et seq* tal-proċess;

9. Rat l-affidavit ulterjuri ta' **Dr Peter Gatt** a fol 127 tal-proċess;

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Charmaine Bugeja**[3], Assistent Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, prodotta mill-attur waqt is-seduta tas-

[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 128-129 tal-proċess

sitta u għoxrin (26) t'April 2022, u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok CB1, Dok CB2 u Dok CB3** a fol 130 *et seq* tal-proċess;

11. Rat l-affidavit tal-**Av Dennis Zammit**, immarkat **Dok DZ** a fol 417 *et seq* tal-proċess;

12. Rat l-affidavit ta' **Emile Vassallo**, immarkat **Dok EV** a fol 421 *et seq* tal-proċess;

13. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Peter Gatt**, prodott mill-intimati in kontro-eżami, waqt is-seduta tal-erbgħa (4) t'Ottubru 2022[4];

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Dr Dorienne Said Pace**, prodotta mill-konvenuti, waqt is-seduta tal-ħmistax (15) ta' Novembru 2022[5];

15. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Leo Bonnici**, in rappreżentanza tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru[6], prodott mill-konvenuti waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Jannar 2023, u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok LB1** a fol 471 tal-proċess;

16. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Leo Bonnici**, in rappreżentanza tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru[7], prodott mir-rikorrent in kontro-eżami waqt is-seduta tas-sbatax (17) ta' Frar 2023;

17. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent datata ħamsa u għoxrin (25) t'April 2023, a fol 483 *et seq* tal-proċess;

18. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti datata tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju 2023, a fol 499 *et seq* tal-proċess;

19. Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-partijiet waqt is-seduta tal-erbgħa (4) ta' Lulju 2023;

---

[4] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 434 *et seq* tal-proċess
[5] It-traskrizzjoni tax-xhieda tagħha tinsab a fol 459 *et seq* tal-proċess
[6] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 467 *et seq* tal-proċess
[7] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 477 *et seq* tal-proċess

20. Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza;

21. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

22. Jirriżulta mill-atti illi r-rikorrent kien jokkupa l-kariga ta' *lecturer* f'applikazzjonijiet tal-ġeoloġija fil-kulleġġ MCAST, wara illi ġie *detailed* sabiex jippresta dan is-servizz fl-ewwel (1) ta' Settembru 2014. Il-fatti illi wasslu għall-kawża odjerna jistgħu jiġu esposti f'*timeline* għall-prattiċita', kif isegwi:

- **11 ta' Ġunju 2021**: Id-*detailing* illi għalih kien soġġett ir-rikorrent ġie revokat mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru;

- **17 ta' Ġunju 2021**: Ir-rikorrent irċieva *e-mail* mill-Prinċipal Deputat tal-MCAST, fejn ġie informat illi l-għada kienet l-aħħar ġurnata tar-rikorrent fl-MCAST, u dan fit-termini ta' ittra datata 17 ta' Ġunju 2021 mibgħuta mid-Direttur tar-Riżorsi Umani fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni illi kienet tispjega illi d-*detailing* tar-rikorrent kien ġie revokat fil-11 ta' Ġunju 2021;

- **18 ta' Ġunju 2021**: Kellu jkun l-aħħar jum tar-rikorrent bħala lettur fl-MCAST;

- **21 ta' Ġunju 2021**: Ir-rikorrent intavola l-mandat t'inibizzjoni nru 915/2021 FDP sabiex l-intimati jiġu inibiti milli *"jkompli* (sic) *bl-esekuzzjoni w implementazzjoni tad-deċiżjoni minnu jew min minnhom meħuda u jittrasferixxi* (sic) *lill-esponenti fl-iskola ta' Pembroke Secondary School jew xi skola oħra"*. Dan il-mandat intlaqa' b'mod provviżorju fl-istess jum, filwaqt illi ntlaqa' b'mod definittiv nhar l-20 ta' Lulju 2021. Ir-rikorrent intavola kawża bir-rikors ġuramentat 764/2021 illi qed tinstema' wkoll minn din il-Qorti kif presjeduta, fl-ismijiet *Dr Peter*

*Gatt vs Malta College for Arts, Science and Technology et* nhar it-3 t'Awwissu 2021;

- **22 ta' Ġunju 2021**: Ir-rikorrent irċieva *e-mail* mid-Direttur tar-Riżorsi Edukattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni sabiex jibda jirrapporta St Clare College, f'Pembroke, filwaqt illi rċieva wkoll ittra mill-MCAST illi fiha ġie informat illi s-salarju tiegħu kien twaqqaf fit-18 ta' Ġunju 2021;

- **08 t'Ottubru 2021**: Ir-rikorrent irċieva *e-mail* mingħand Emile Vassallo biex jirrapporta għax-xogħol il-*Head Office* tal-Ministeru għall-Edukazzjoni mill-11 t'Ottubru 2021;

- **11 t'Ottubru 2021**: Ir-rikorrent intavola l-mandat t'inibizzjoni nru 1515/21 TA illi permezz tiegħu talab lill-Qorti żżomm lill-intimati milli *"jkompli* (sic) *bl-esekuzzjoni u mplementazzjoni tad-deċiżjoni minnu jew min minnhom meħuda u jittrasferixxi* (sic) *lill-esponenti sabiex jirrapporta għax-xogħol ġewwa l-Ministeru tal-Edukazzjoni, dipartiment anċillari tal-istess Ministeru jew f'xi Dipartiment jew entita' oħra li tifforma parti mis-servizz pubbliku"*. Dan il-mandat intlaqa' b'mod provviżorju fl-istess jum, iżda sussegwentement ġie miċħud nhar il-25 t'Ottubru 2021;

- **23 ta' Novembru 2021**: Ir-rikorrent irċieva *e-mail* oħra mid-Direttur tar-Riżorsi Edukattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni sabiex, mill-għada, jirrapporta għax-xogħol fil-Kulleġġ Sant'Injazju;

- **24 ta' Novembru 2021**: Ir-rikorrent intavola l-mandat t'inibizzjoni nru 1734/2021 JVC illi permezz tiegħu talab lill-Qorti żżomm lill-intimati milli *"jkompli* (sic) *bl-esekuzzjoni u implementazzjoni tad-deċiżjoni minnu jew min minnhom meħuda u tittrasferixxi* (sic) *lill-esponenti sabiex jirrapporta għax-xogħol ġewwa l-Ministeru għall-Edukazzjoni, dipartiment anċillari tal-istess Ministeru jew fi kwalunkwe skola ossia Kulleġġ bħal ma hu dak ta' St Ignatius College, Triq Mdina, Qormi"*.

Dan il-mandat intlaqa' b'mod provviżorju nhar l-24 ta' Novembru 2021, filwaqt illi ntlaqa' b'mod definittiv nhar is-6 ta' Diċembru 2021;

- **20 ta' Diċembru 2021**: Ġiet intavolata l-kawża odjerna;

23. Permezz tal-kawża odjerna, ir-rikorrent qed jikkontendi illi l-għemil amministiv illi wassal għad-deċiżjoni komunikata lilu fit-23 ta' Novembru 2021, sar bi ksur tal-Artikolu 469A(1)(a), (b)(ii) u/jew (iii) u/jew (iv) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-ftehim milħuq bejn il-Gvern u l-Malta Union of Teachers.

## A. <u>Eċċezzjoni Preliminari dwar Leġittimu Kontradittur</u>

24. Fl-ewwel paragrafu tar-risposta tagħhom, l-intimati jeċċepixxu illi l-Ministru għall-Edukazzjoni u Sport, Emile Vassallo u s-Segretarju Permanenti Ewlieni Mario Cutajar m'humiex il-leġittimi kuntradditturi tal-attur;

25. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***L-Avukat Dr James Scicluna noe vs Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi***[8]

> *15. Illi biex wieħed jara jekk parti f'kawża hijiex jew le l-leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, hija trid tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, il-persuna mħarrka kinitx materjalment parti fil-ġrajjiet li jkunu ħolqu r-rabta ġuridika ta' bejniethom, u li twassal biex inħolqu r-rabtiet jew effetti fuq il-parti mħarrka illi kellha twieġeb għalihom (ara* ***Karmenu Mifsud v. Onorevoli Ministru Għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni et*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Jannar, 2020). Fi kliem ieħor, biex persuna titqies li hija l-kontradittur leġittimu, jeħtieġ li jiġi muri min-naħa ta' min qed jipproponi l-kawża, li l-*

[8] Rik Nru 22/2022/1, Qorit tal-Appell (Superjuri), 25 ta' Mejju 2023

*azzjoni tiegħu ma tistax tissokta fl-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dik il-persuna li tinsab imħarrka (ara* ***Francis Portelli et v. L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati Dr. Angelo Farrugia et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar, 2018).*

26. L-Artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

*181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*

*Iżda, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*

*(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*

*(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

*(2) L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*

*(3) Kull rikors, ġuramentat jew le, jew att ġudizzjarju ieħor magħmul kontra l-Gvern għandu jiġi notifikat lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tiegħu jkun dirett u lill-Avukat tal-Istat u kull terminu biex issir risposta dwar att bħal dak minn kull kap ta' dipartiment tal-gvern li jkun konvenut jew intimat fi proċeduri ġudizzjarji ma jibdiex*

> *jiddekorri qabel ma l-att jiġi notifikat lill-kap jew kapijiet ta' dipartimenti tal-gvern li kontra tagħhom ikun dirett u lill-Avukat tal-Istat. In-notifika lill-Avukat tal-Istat ssir bla ħlas lir-reġistratur.*

27. In oltre, imbagħad, l-Artikolu 17(8) tal-Kap 595 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(8) Is-Segretarju Permanenti jkun ir-rappreżentant ġuridiku tal-Gvern f'atti u azzjonijiet ġudizzjarji dwar kull ħaġa li taqa' taħt il-firxa tal-attivita' tal-Ministeru li għalih ikun assenjat.*

28. Dwar dan il-provvediment tal-liġi, ingħad ukoll fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat Dr James Scicluna noe vs Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurta' Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi*** suċitata:

> *20. Illi din ir-regola ġenerali mnissla mill-**Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li Ministru m'għandux jitħarrek f'kawżi kontra l-Gvern, ma tgħoddx iżda meta l-attur ikun qiegħed jitlob li tiġi mistħarrġa deċiżjoni amministrattiva li tkun ingħatat mill-Ministru stess.*

Evidentement, għalhekk, f'kawża intavolata ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 17(8) tal-Kap 595 m'għandux jiġi kkonsidrat *in vacuo*, iżda għandu jiġi kkonsidrat fid-dawl tad-deċiżjoni illi tkun qiegħda tiġi mistħarrġa, senjatament fid-dawl tal-persuna illi tkun ħadet l-istess deċiżjoni;

29. L-ewwelnett għandu jiġi senjalat illi s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-iSport mhux qiegħed jeċċepixxi illi m'huwiex leġittimu kontradittur fil-każ odjern;

30. Din il-Qorti sejra għalhekk iddur għad-deċiżjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021[9], liema deċiżjoni ġiet komunikata lir-rikorrent permezz ta' *e-mail* spedita lir-rikorrent mill-intimat Emile Vassallo bħala Direttur Ġenerali fid-Dipartiment għas-Servizzi Edukattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-iSport. Fl-affidavit tiegħu[10], l-intimat Vassallo jispjega, *inter alia*, kif *"id-Dipartiment kellu jfittex arranġament biex Dr Gatt ikun jista' jagħmel ix-xogħol li huwa impjegat għalih"* u li *"id-dipartiment ħares lejn ix-xogħol preparattiv ta' għalliem tal-ġografija [...] u assenja xogħol relevanti li ma jsirx ġewwa skola"*. Huwa evidenti għalhekk illi d-Dipartiment illi fih Emile Vassallo huwa Direttur Ġenerali kien parteċipi fid-deċiżjoni illi qiegħed jilmenta minnha r-rikorrent, b'dana illi Emile Vassallo għandu bla dubju jitqies leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna;

31. Mhux l-istess, iżda, jista' jingħad għall-Ministru tal-Edukazzjoni u l-iSport, illi apparti illi huwa, fi kwalunkwe każ, rappreżentat fil-kawża odjerna mis-Segretarju Permanenti, ma nġabet l-ebda prova illi kellu b'xi mod x'jaqsam mad-deċiżjoni illi minnha qiegħed jilmenta r-rikorrent;

32. L-istess jista' jingħad fir-rigward tas-Segretarju Permanenti Prinċipali, illi la jidher illi kellu rwol fil-każ odjern, u lanqas jidħol fil-kwestjoni dwar trasferimenti t'impjegati fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-iSport, liema kwestjoni taqa' f'idejn is-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru fit-termini tal-iStrument ta' Delega maħruġ ai termini tal-Artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u approvat mill-Prim Ministru nhar is-16 ta' Settembru 2015, b'effett mill-1 ta' Frar 2016, kif emendat bi Strument ta' Delega sussegwentement datat 11 ta' Frar 2020;

33. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimati fir-rigward tal-Ministru għall-Edukazzjoni u l-iSport Dr Clifton Grima, u fir-rigward tas-Segretarju Permanenti Prinċipali, u konsegwentement tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt illi **tiċħad** l-istess fir-rigward ta' Emile Vassallo.

[9] Vide **Dok PG5** anness mar-rikors promotur, a fol 31 tal-proċess
[10] Vide **Dok EV** a fol 421 *et seq* tal-proċess

**B. Eċċezzjoni dwar in-Nuqqas t'Att jew Għemil Amministrattiv**

34. L-Artikolu 469A jiddefinixxi *"egħmil amministrattiv"* bħala *"il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità"*;

35. Fit-tieni paragrafu tar-risposta tagħhom, l-intimati jeċċepixxu illi l-azzjoni odjerna hija improponibbli, stante illi l-għemil lanjat mill-attur ma jaqax fid-definizzjoni ta' għemil amministrattiv ai termini tal-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, peres illi l-istess artikolu jeskludi miżuri intenzjonati għall-iskop ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna ġewa awtorita';

36. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Raymond Camilleri et vs Il-Kap Kmandant tal-Forzi Armati et***[11]:

> *Illi fid-duttrina dawn l-atti magħmula bil-għan ta' organiżżazzjoni jew tmexxija interna fi ħdan xi awtorita' pubblika jirreferu u jillimitaw irwieħhom għal dawk il-miżuri meħuda biex l-istess awtorita' iżżomm ċerta ordni fit-tmexxija tagħha ta' kuljum. B'dan li fejn tali miżura tilħaq ċerta livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbagħad dik il-miżura tidħol fit-territorju ta' għamil amministrativ li dwaru l-Qrati jistgħu jinqdew bis-setgħa tagħhom li jistħarrġu;*
>
> *[...]*

[11] Ċit Nru 1087/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 26 t'Ottubru 2010 (in ġudikat). Ara wkoll Rik Nru 1040/16, ***Carmen Grech vs Il-Prim Ministru*** *et*, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 6 ta' Lulju 2017 (in ġudikat).

*Illi, b'żieda ma' dan, hija l-fehma sħiħa ta' din il-Qorti li meta jitressaq quddiemha każ ta' stħarriġ ġudizzjarju li dwaru titqajjem eċċezzjoni bħal dik li dwarha qiegħda tingħata din is-sentenza, ikun pass għaqli li tqis mhux biss l-għamil kif ikun jidher mad-daqqa t'għajn, imma wkoll x'inhu l-ilment dwar tali għamil. Dan jingħad għaliex jekk l-ilment ikun wieħed dwar użu irraġonevoli ta' xi diskrezzjoni, ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, jew saħansitra aġir abbużiv jew lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi (jiġifieri għamil ultra vires), jaqa' fuq il-Qorti d-dmir li tistħarreġ dak il-każ għaliex il-kwestjoni ma tibqax waħda ta' "sempliċi" organiżżazzjoni jew tmexxija interna, imma waħda li tolqot fil-qalba r-raġuni tal-azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju tal-att amministrativ li jkun;*

37. Referenza ssir ukoll għas-sentenza fl-ismijiet ***Nikol Borg vs Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru***[12], illi kienet tirrigwarda għotja ta' promozzjoni b'effett retroattiv wara trasferiment minn dipartiment għal ieħor fis-servizz ċivili:

*Sfortunatament il-ligi ma tiddefinixxiex il-frazi "organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna". Fis-sentenza taghha tas-7 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet* **Edward Paul Tanti v. Segretarju Amministrattiv tal-Ufficcju tal-Prim Ministru***, din il-Qorti irriteniet illi "Ghalkemm huwa minnu li d-definizzjoni ta' 'eghmil amministrattiv' teskludi 'xi haga li ssir bl-ghan ta' organizzazzjoni interna jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`', din l-eskluzjoni ma tirriferix ghal decizjoni bhal dik li qed jilmenta minnha l-appellant – cioe` jekk hu ghandux jinghata pensjoni skond il-grad li*

[12] Appell Ċivili Nru 1829/2000/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 27 ta' Jannar 2006

*bih huwa spicca minn mac-civil jew il-grad ekwivalenti ghax-xoghol li effettivament kien jaghmel – izda tirreferi biss, kif jindika l-uzu tal-kelma 'interna', ghal affarijiet organizzattivi u amministrattivi interni ta' l-awtorita`, bhal per ez. tqassim ta' xoghol, orarji ta' xoghol, proceduri ta' kif isir ix-xoghol fi hdan dik l-awtorita`."*

*In oltre jidher li fir-redazzjoni ta' l-Artikolu 469A, il-legislatur kien in parti ispirat mill-pozizzjoni legali taht id-dritt amministrattiv franciz. Fil-fatt, mhux biss ir-ragunijiet li ghalihom jista' wiehed jitlob stharrig gudizzjarju ta' att amministrattiv huma simili, izda anki taht id-dritt amministrattiv Franciz, l-hekk imsejha "mesures d'ordre interieur administratives" ma jistghux jigu mistharrga mit-tribunali amministrattivi. L-awturi* ***L. Neville Brown u John S. Bell*** *fil-ktieb taghhom* ***French Administrative Law*** *(ed. 1993 pag. 154-155) jghidu hekk:*

***"The French draw a distinction between actes administratifs and those measures which may be regarded as no more than the administration putting its own house in order. Such domestic 'house-rules' are described as measures of purely internal orgnisation within the administration (mesures d'ordre interieur administratives) and are not normally open to judicial review at all. Thus one cannot challenge a departmental circular giving advice (as distinct from directives) on the interpretation of a statute; nor an instruction about school uniform or curricula ... A similar attitude is taken towards disciplinary measures in the armed forces. ... ... But above a certain point the administrative measure may become, because of its gravity, an acte administratif within the cognizance***

***of the administrative judge (see CE 26 January 1966 DAVIN, where the peremptory expulsion of a pupil from a state school was adjudged so grave a sanction as to fall outside the category of such 'measures', and to be an acte administratif open to judicial review)."***

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-deċiżjoni tal-konvenut li l-appellant Borg ma jingħatax il-promozzjoni b'effett immedjat ma hijiex miżura intiża għal organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, stante li kif jgħid l-appellat fir-risposta ta' l-appell tiegħu (fol 61) l-kwistjoni dwar jekk persuna tavvanzax fil-karriera tagħha fis-servizz pubbliku hija kwistjoni li primarjament tolqot lil dik il-persuna, u ma tikkonċernax l-amministrazzjoni interna per se. In oltre l-aspetti finanzjarji ta' għoti ta' promozzjoni jew nuqqas ta' tali għotja huma ta' ċerta importanza għall-uffiċjal pubbliku konċernat, u tali aspetti ċertament ma jistħoqqilhomx li jiġu ekwiparati ma' dawk ta' miżura merament ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna.*

*Jidher ukoll li anki fi Franza deċiżjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tal-persuni ingaġġati fis-servizz ċivili ma humiex ikkunsidrati bħala miżuri ta' amministrazzjoni interna, stante li dawn jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-tribunali amministrattivi. Fil-fatt, l-istess awturi* ***L. Neville Brown u John S. Bell*** *(op cit pag 200) jgħidu hekk:*

***"Where administrative law is applicable, complaints by civil servants and other public servants about their salary rights, pensions and entitlement to***

***promotion take up a considerable amount of time of the administrative courts."***

38. L-ewwelnett għandha ssir distinzjoni bejn dak illi qiegħed jintalab f'din il-kawża u dak illi qiegħed jintalab fir-Rikors Ġuramentat 764/2021 illi qiegħed jinstema' minn din il-Qorti stess. Fir-Rikors Ġuramentat 764/2021, ir-rikorrent qiegħed jikkontesta l-għemil amministrattiv li wassal għar-revoka tad-*detailing* tiegħu mill-MCAST għall-iskola sekondarja f'Pembroke, b'deċiżjoni datata sbatax (17) ta' Ġunju 2021[13], filwaqt illi fil-kawża odjerna, huwa qiegħed jikkontesta d-deċiżjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021 illi permezz tagħha huwa ġie ordnat jirrapporta l-Kulleġġ Sant'Injazju[14];

39. Din il-Qorti stess kellha l-opportunita', f'sentenza preliminari mogħtija nhar l-erbatax (14) ta' Jannar 2022 fir-Rikors Ġuramentat Nru 764/2021, tindaga jekk id-deċiżjoni illi permezz tagħha ġie revokat id-*detailing* tar-rikorrent kinitx tikkostitwixxi *"egħmil amministrattiv"* jew le. Infatti, din il-Qorti kkonkludiet illi effettivament din id-deċiżjoni kienet tikkostitwixxi *"egħmil amministrattiv"* stante illi l-kwestjoni bejn ir-rikorrent u l-amministrazzjoni tal-MCAST spiċċat ħarġet 'il barra mill-kurituri tal-MCAST, u trasformat ruħha fi kwestjoni illi kienet tirrigwarda l-istat tar-rikorrent u d-*detailing* tiegħu mill-Ministeru għall-Edukazzjoni;

40. Fil-kawża odjerna, il-Qorti issa għandha quddiemha deċiżjoni illi ngħatat <u>b'mod konsegwenzjali</u> għad-deċiżjoni illi permezz tagħha ġie revokat id-*detailing* tar-rikorrent. Ir-rikorrent qed isostni illi tali deċiżjoni ttieħdet minkejja illi kienet ngħatat *"ordni minn din l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni 915/21 FDP sabiex l-esponenti ma jiġix trasferit fl-ebda kulleġġ jew skola oħra sekondarja sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri pendenti 764/21 AD li proprju jindirizzaw il-materja tal-istess mandat indikat"*[15];

[13] Vide ittra a fol 143 tal-proċess, formanti parti mill-atti tal-mandat t'inibizzjoni nru 915/2021 FDP
[14] Vide **Dok PG4** (a fol 30) u **Dok PG5** (a fol 31) annessi mar-rikors promotur
[15] Vide t-tieni talba tar-rikorrent fir-rikors promotur

41. Skont il-***Manual on Resourcing Policies and Procedures***[16] maħruġ mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, *"It may be necessary for public officers who have been detailed with public entities to have their detailing revoked in order that they may resume duties within the Public Service."*[17] In oltre, imbagħad:

> ***5.2.3***
>
> *Reversion to the Public Service is subject to the following:*
>
> i. *The pay package and any other conditions offered to the officer by the entity with which he/ she is detailed shall be effective only during the period of detailing i.e. they cannot be retained upon the officer's return to the Public Service;*
>
> ii. *the officer will benefit from the prevailing conditions applicable in the Public Service;*
>
> iii. *the officer will be posted in a Department where his/her professional skills and competencies are required; and*
>
> iv. *the officer will continue to be entitled to a Service pension, if he/she is of a pensionable status, in terms of the respective applicable legislation.*[18]

42. Fid-dawl ta' ġurisprudenza suriferita, dak illi trid tindaga għalhekk din il-Qorti huwa jekk:

[16] < https://publicservice.gov.mt/en/Documents/Public%20Service%20Management%20Code/PSMC%20Manuals/Manual_on_Resourcing_Policies_and_Procedures.pdf > Aġġornat fit-30 ta' Marzu 2023
[17] Ibid. p 96
[18] Ibid. p 98

(a) id-deċiżjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021 tistax titqies bħala waħda ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna, u

(b) fil-każ illi hekk għandha titqies, jekk tolqotx fil-qalba r-raġuni tal-azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju tal-att amministrattiv.

Fil-każ illi d-deċiżjoni tfalli xi waħda minn dawn iż-żewġ kriterji, id-deċiżjoni titqies illi hija eskluża mid-definizzjoni ta' *"egħmil amministrattiv"* kontemplata fl-Artikolu 469A(2);

43. Wara illi ġie revokat id-*detailing* tar-rikorrent, ir-rikorrent ma baqax impjegat tal-MCAST, iżda reġa' beda jiġi kkunsidrat bħala impjegat tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. Infatti, fl-*e-mail* datata erbatax (14) ta' Ġunju 2021[19] entitolata *"Approval Notification: Revocation of Detailing of a Public Officer with the Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) – Dr Peter Gatt (ID 254664M), Teacher (Scale 7)"*, ġie spjegat, *"This is to notify that on 11th June 2021, it was approved that Dr Peter Gatt's detailing with the Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) be revoked, in terms of Article 114(2) of the Education Act (CAP 327) and on the terms and conditions of paragraph 5.2.3 of the Manual on Resourcing Policies and Procedures.* ***Dr Gatt shall revert to the Ministry for Education (MFED) on his substantive grade****."* (Emfasi miżjuda minn din il-Qorti);

44. Din il-Qorti hija tal-fehma illi, gialadarba issa reġa' kien qiegħed jitqies bħala impjegat tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, it-trasferiment tiegħu għal kwalunkwe impjieg fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni jikkostitwixxi, *prima facie*, *"ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita'"*, stante illi jikkonsisti effettivament fi trasferiment ta' uffiċċjal pubbliku minn dipartiment għall-ieħor, jew l-għażla tal-post fejn uffiċċjal pubbliku jintbagħat jaħdem. Għaldaqstant, l-ewwel kriterju sabiex id-deċiżjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021 titqies bħala eskluża mid-definizzjoni ta' *"egħmil amministrattiv"* huwa sodisfatt;

[19] Vide **Dok LB1** a fol 471 tal-proċess

45. Mill-atti jirriżulta illi l-ilment prinċipali tar-rikorrent huwa illi ma baqax *detailed* l-MCAST, b'dana illi beda jipperċepixxi salarju inqas vantaġġjuż u qed jiġi mqabbad jagħmel xogħol illi huwa jikkonsidra illi huwa *over-qualified* għalih. Madanakollu, dak illi qiegħed jiġi kontestat fil-kawża odjerna mhuwiex ir-revoka tad-*detailing* per se, iżda d-deċiżjoni illi permezz tagħha r-rikorrent ġie trasferit għall-Kulleġġ Sant'Injazju, u dan stante illi r-rikorrent isostni illi l-ordni ta' din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 FDP kellha tpoġġih fil-pożizzjoni illi kien fiha qabel ġie revokat id-*detailing* tiegħu, cioe bħala lettur fl-MCAST bis-salarji u l-benefiċċji kollha illi tali pożizzjoni kienet iġġib magħha, sakemm tiġi finalment deċiża l-kawża fir-Rikors Ġuramentat nru 764/2021 quddiem din il-Qorti kif preseduta;

46. Din il-Qorti, iżda, ma taqbilx mar-rikorrent. Skont l-ordni mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 FDP, l-intimati kienu inibiti biss milli *"jkompli* (sic) *bl-esekuzzjoni w implimentazzjoni tad-deċiżjoni minnu jew min minnhom meħuda u jittrasferixxi* (sic) *lill-esponenti fl-iskola ta' Pembroke Secondary School jew xi skola oħra"*[20] Il-fatt illi din l-ordni kienet teskludi r-reintegrazzjoni tar-rikorrent bħala lettur fl-MCAST ġiet konfermata mill-istess Qorti illi ddeċidiet b'mod definittiv il-mandat t'inibizzjoni nru 915/21 FDP: wara rikors intavolat mir-rikorrent fl-atti tal-istess mandat t'inibizzjoni illi permezz tiegħu ilmenta illi minkejja l-ordni tal-Qorti huwa ma kienx ngħata l-fakultajiet li kien jipprevalixxi ruħu minnhom qabel ġie revokat id-*detailing*, il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent illi permezz tagħha talab lill-Qorti *"tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jagħtu dawk l-istess fakultajiet li kien jipprevalixxi ruħu minnhom l-esponenti sa qabel it-18 ta' Ġunju 2021"* permezz ta' digriet datata disgħa (9) ta' Diċembru 2021[21]. Ir-raġuni mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta kienet illi, *"dak mitlub imur oltre dak li ġew inibiti jagħmlu l-intimati"*. Għaldaqstant, sakemm l-intimati ma kinux qed jittrasferixxu lir-rikorrent fl-iskola sekondarja ta'

[20] Vide **Dok PG1** anness mar-rikors ġuramentat a fol 7 *et seq* tal-proċess
[21] Vide digriet formanti parti mill-atti tal-mandat t'inibizzjoni nru 915/21 FDP, a fol 231 tal-proċess,

Pembroke jew skola oħra, l-intimati kienu qed jaġixxu fl-ambitu tal-ordni mogħtija mill-Qorti fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 FDP;

47. Issa l-Ministeru għall-Edukazzjoni kellu quddiemu sitwazzjoni kemmxejn anomala, stante illi kellu impjegat illi kien qiegħed jitħallas salarju, ma setax jintbagħat jaħdem fi skola, iżda fl-istess ħin ma kienx għadu *detailed* l-MCAST, u għalhekk ma setax jerġa' jintbagħat jaħdem hemm fil-pożizzjoni illi kellu waqt li kien *detailed*;

48. Ir-rikorrent isib konfort f'dak deċiż minn din il-Qorti kif diversement presjeduta, fil-mandat t'inibizzjoni numru 1734/21 JVC, cioe, *"Jekk il-preokkupazzjoni tal-intimati hija li r-rikorrent preżentement qed jirċievi l-paga mingħajr ma jaħdem dan faċilment jista' jiġi risolt billi r-rikorrent, pendenti deċiżjoni finali, jingħata xogħol ta' 'lecturer' fi ħdan l-MCAST kif fuq kollox kien jagħmel għal diversi snin u dan mingħajr preġudizzju għall-ġudizzju finali dwar il-kwistjoni bejn il-partijiet. B'hekk l-intimati jkunu qed jagħmlu użu tajjeb mill-paga li qed jirċievi r-rikorrent u mhux ikunu komparteċipi mal-fatt li r-rikorrent qed jitħallas mingħajr ma jaħdem."*[22]

49. Madanakollu, din il-Qorti, illi kellha l-possibilta' illi teżamina l-każ f'aktar dettall fil-mertu, u mhux fuq bażi *prima facie* bħal fi proċedura ta' mandat t'inibizzjoni, tifhem illi gialadarba id-*detailing* tar-rikorrent ġie revokat qabel ġie intavolat l-ewwel mandat t'inibizzjoni, b'dana illi l-effetti tiegħu ma setgħux b'xi mod jitwaqqfu u/jew jiġu sospiżi (hekk kif konfermat minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fid-digriet tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2021 suriferit), il-Ministeru għall-Edukazzjoni għandu issa jdejh marbuta, u ma jistax jaqbad u jerġa' jirreintegra lir-rikorrent fil-pożizzjoni illi kellu meta kien għadu *detailed* sakemm il-kawża fir-Rikors Ġuramentat Nru 764/2021 għadha pendenti. Se mai, fl-eventwalita' imbagħad illi jirriżulta illi d-deċiżjoni illi biha ġie revokat id-*detailing* tar-rikorrent kienet waħda irraġonevoli, meħuda bi ksur tal-prinċipji tal-ħaqq naturali, jew saħansitra aġir abbużiv jew lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi (cioe *ultra vires*), ir-

[22] Vide digriet tas-6 ta' Diċembru 2021, a fol 281 *et seq* tal-proċess, formanti parti mill-atti tal-mandat t'inibizzjoni nru 1734/21 JVC esebit bħala **Dok CB2**

rikorrent ikollu dritt għal danni għall-perjodu kollu illi fih huwa jkun ħadem fi grad aktar baxx minn dak illi kellu jkun entitolat għalih skont it-termini tal-Artikolu 469A(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

50. Għaldaqstant, meqjus il-premess, din il-Qorti tqis illi t-tieni test ma ġiex sodisfatt. Hekk kif ġie senjalat, din il-Qorti rat preċiżament fiex kienet tikkonsisti l-ordni mogħtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni Nru 915/21 FDP, u rat illi d-deċiżjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021 ma tistax tiġi kkonsidrata bħala waħda illi tikser l-istess ordni;

51. **Konsegwentement, it-trasferiment tar-rikorrent minn dipartiment għall-ieħor fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, sakemm tali trasferiment ma kienx fl-iskola sekondarja ta' Pembroke jew skola oħra, huwa eskluż mid-definizzjoni t'*"egħmil amministrattiv"* kif stabbilita fl-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dana illi l-kawża odjerna ma tistax tirnexxi;**

52. Finalment, il-Qorti semgħet lil **Dorienne Said Pace**, Kap tal-Kulleġġ San Injazju, tikkonferma illi, *"il-Kulleġġ huwa kif għidt, ċentru amministrattiv bil-viżjoni, bil-missjoni tagħna, u anka bil-values tagħna, [...] huwa purely rwol amministrattiv"*[23] u rat ukoll illi fl-*e-mail* tiegħu tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021, **Emile Vassallo** kien spjega lir-rikorrent illi xogħlu fl-istess Kulleġġ kien ser jikkonsisti fis-segwenti:

    1. *Specific guildeines for the Coursework that is required;*
    2. *Development of resrouces linked to the Assessment Criteria;*
    3. *Research and Sourcing of Physical Resources to be used in class (e.g. rock type samples);*
    4. *Research and Design of Fiedlwork Experiences;*

[23] Vide traskrizzjoni tax-xhieda tagħha a fol 460 tal-proċess

*5. Research and Sourcing of Digital Resources.*[24]

Huwa evidenti illi dak illi kien ġie mqabbad jagħmel ir-rikorrent permezz tad-deċiżjoni tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2021 ma kienx xogħol fi skola, b'dana illi kien konformi mal-ordni mogħtija mill-Qorti fil-mandat t'inibizzjoni numru 915/21 FDP;

53. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tilqa'** l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati fit-tieni paragrafu tar-risposta tagħhom, tiddikjara illi l-għemil lanjat mill-attur ma jaqax fid-definizzjoni ta' *"egħmil amministrattiv"* ai termini tal-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża odjerna.

**Decide**

54. Għal dawn il-motivi, il-Qorti:

a. **Tilqa' *in parte*** l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati u tillibera lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-iSport u lis-Segretarju Permanenti Prinċipali mill-osservanza tal-ġudizzju, filwaqt illi **tiċħad** l-istess eċċezzjoni preliminari in kwantu tagħmel referenza għall-intimat Emile Vassallo;

b. **Tilqa**' t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati, b'dana illi tiddikjara illi l-każ odjern jaqa' taħt l-eċċezzjoni għad-definizzjoni ta' *"egħmil amministrattiv"* stabbilita fl-Artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u konsegwentement

c. **Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet rikorrenti.

Tordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mir-rikorrent.

[24] Vide **Dok PG5** anness mar-rikors promotur, a fol 31 tal-proċess

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**